BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 03/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2008 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Ezk** | **George Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Borg ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/03 -* Resident minn Ħal Għaxaq kellu nċident fil-vettura tiegħu kawża li waqa' ġo ħofra fonda fi Triq San Patrizju kantuniera ma' Misraħ Is-Summit. Huwa qed jitlob lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż liema somma tlaħħaq € 739.69. Ipprovda rapport tal-Pulizija bid-data ta' l-għada ta' l-inċident. Il-Kamra ħadet id-deċiżjoni li ma taċċettax dan il-*claim* bħalma għamlet f'każi simili.

*02/03 -* Il-Kamra ddiskutiet il-proċedura biex mill-15 ta' April 2008 jibda jsir separazzjoni ta' ċertu skart f'boroż apposta mqassma mill-Kunsill Lokali. Darba fil-ġimgħa l-Kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart jagħmel it-tieni *round* u jiġbor il-boroż speċjali. Ser ikun hemm kumpens kemm għat-tqassim tal-boroż kif ukoll għat-*trip* żejjed tal-Kuntrattur.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kamra approvat biex kemm is-Segretarju Eżekuttiv u ż-żewġ Skrivani jiġu allokati bil-*full Performance Bonus* skond kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju għan-nom tiegħu u ta' l-iskrivani rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha għal dan il-ġest.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xhur ta' Jannar u Frar '08. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet jew amendi ġew approvati biex is-somom ta' €60,822.38 u €27,882.43 rispettivament jitħallsu skond l-iskedi Nru. 01/08 u 02/08.

***AĠENDA -5***

1. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri d-dħul u l-ħruġ ta' l-ispejjeż għall-pubblikazzjoni tal-Fuljett tal-Kunsill Lokali. Id-dħul mir-reklami laħqu €978.30 u €93.17 filwaqt li l-ħruġ ammonta għal €1002.00. Għaldaqstant id-differenza favorevoli kienet ta' €69.47.

2. Ser tittella' attivita' minn Casorenzo Art Studio li tikkonsisti fi tpinġijiet ambjentali minn Żgħażagħ. Ser jingħataw riġal u jinżergħu żewġ siġar bi plakka kommemorattiva.

3. Ġie ssuġġerit biex id-*dustbins* li hemm f'Misraħ Tal-Pajtier wara l-Knisja jersqu mill-post li huma għax jinsabu wisq viċin il-bankijiet.

4. Hemm diversi lampi fuq arbli mitfija. Insibu mezz kif dawn jerġgħu jinxtegħlu.

5. Hemm bżonn li jsir *patching* f'Wied Il-Qoton.

6. Kif ikun hemm ħjiel li l-Ministru l-ġdid jibda jopera fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni għandu jintalab appuntament biex tinfetaħ id-diskussjoni fuq il-possibbilta' ta' bini ta' Librerija Pubblika fuq art ta' l-Iskola Primarja. Dan is-suġġett kien diskuss mal-Ministru Dr. L.Galea u ser ikun aġġornat mal-Ministru preżenti.

7. Il-Kamra ġiet avżata li l-Proġett ta' l-I*skateboard* fil-Bajja s-Sabiħa jinsab fi stadju avvanzat jonqos biss l-aċċessorji u d-dawl.

8. J.Baldacchino nnotifika l-Kamra li rtira l-applikazzjoni tiegħu għall-ħatra ta' Segretarju Eżekutttiv u m'għadux interessat f'dan il-post vagant. Fid-dawl ta' dan ser jintalab il-parir tad-Direttur tal-Gvern Lokali għandhomx jinfetħu mill-ġdid l-applikazzjonijiet fil-pussess tal-Kunsill jew għandix issir sejħa mill-ġdid għall-applikazzjonijiet. Ukoll mingħandu l-awtorita' jiffirma ċ-ċekkijiet mas-Sindku wara t-tmiem tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti u sakemm ikun maħtur wieħed ieħor ġdid.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008 fit-8.00am.

| | |
|---|---|
| ....................................... | .............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **George Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezk.** |